# ITTRA ENCIKLIKA

F'egħluq is-750 sena tal-mawra tal-Patrijarka San Franġisk fil-Palestina r-Rev.mu P. Ġeneral tal-Patrijiet Franġiskani, P. Kostantinu Koser, kiteb u ppubblika Ittra Enċiklika li tittratta fuq dan il-vjaġġ ta' San Franġisk u fuq ix-xogħol li l-Patrijiet Franġiskani għamlu u għadhom qed jagħmlu f'din l-art qaddisa tal-Palestina. Din hija l-Ittra Enċiklika:

## P. KOSTANTINU KOSER

**IBEN IL-PROVINĊJA TAT-TNISSIL BLA TEBGĦA TA' MARIJA FIL-BRAŻIL MINISTRU ĠENERALI TA' L-ORDNI KOLLU TAL-PATRIJIET MINURI U SERV UMLI TIEGĦU FIL-MULEJ**

Lill-Wisq Reverendi Patrijiet Delegati Ġenerali, Ministri Provinċjali, Kustodji, Reliġjużi, Sorijiet, Terzjarji, u lil kull min qiegħed taħt is-setgħa tagħna: Paċi, u l-milja ta' kull faraġ fl-Ispirtu s-Santu!

Maħbubin Uliedi,

Fis-26 ta' Marzu ta' din is-sena, fil-5 p.m. kelli l-pjaċir li nippresjedi f'ċerimonja mhux tas-soltu fil-belt ta' Akri fl-Art Imqaddsa. Il-belt stednitni biex inpoġġi tarka li ġġib l-isem tat-triq "San Franġisk ta' Assisi", u li tfakkar is-750 anniversarju tal-mawra tiegħu fil-qasam tal-Kruċjati. Kont ninsab, flimkien mad-Definitorju Ġenerali, fl-Art Imqaddsa għall-konsagrazzjoni tal-Bażilika ġdida ta' Nazaret. Din il-Bażilika, wara ħafna sekli ta' xewqat qaddisa, setgħet tinbena bil-ħidma tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.

Dawn iż-żewġ okkażjonijiet jagħtuni ċ-ċans li nkellimkom fuq suġġett tassew ta' siwi: "Ir-rabta ta' l-Art Imqaddsa ma' l-Ordni tagħna fi żmienna". Mhux darba u tnejn il-Ministri Ġenerali tagħna tkellmu fuq dan is-suġġett, sinjal ċar li l-Ordni tagħna dejjem wera interess sħiħ fl-Art Imqaddsa, u f'dak kollu li din il-Kustodja tippreżenta għall-Ordni kollu. Bir-raġun l-Art Imqaddsa ġiet imsejħa "Il-Ġawhra tal-Missjonijiet".



**Ir-Revmu. P. Kostantinu Koser**

### 1. — Is-750 Anniversarju tal-Mawra ta' San Franġisk fl-Art Imqaddsa

Sa mill-bidunett irridu ngħidulkom li kienet ħaġa f'waqtha li aħna nfakkru s-750 anniversarju tal-mawra ta' Missierna San Franġisk fil-Lvant Nofsani.

It-tifkira ta' din il-ġrajja tgħinna biex quddiemkom inpoġġu ċerti kwistjonijiet li għadhom ta' siwi f'ħajjitna u fil-ħidma tagħna sal-ġurnata tal-lum.

Ftit żmien ilu, fis-sena 1919, is-700 anniversarju ta' din il-ġrajja ġie mfakkar kif jixraq fl-Ordni. Fl-4 ta' Ottubru 1918, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XV kien bagħat Ittra Appostolika, "Inclytus Fratrum Minorum", lid-dinja kollha u għażel il-Legat speċjali tiegħu għal din it-tifkira fl-Art Imqaddsa: l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Filippo Giustini, Protettur ta' l-Ordni. F'dik l-okkażjoni, il-Kardinal poġġa l-ewwel ġebla taż-żewġ Bażiliki, dik tal-Ġetsemani u l-oħra tat-Tabor.

Il-vjaġġ tas-Serafiku Missierna fil-Lvant huwa ġrajja millaktar dokumentati ta' ħajtu, għalkemm, fl-ewwel ħajjiet tiegħu l-kittieba aktar urew din il-mawra bħala ħaġa tal-għaġeb, milli flew il-ġrajja fiha nnifisha u l-konsegwenzi ta' wara.

Kif igħidilna Tommasu minn Celano, vjaġġ fil-Lvant Nofsani u l-qagħda hemm qalb il-Misimin kienet waħda mix-xewqat l-aktar għażiża ta' San Franġisk, sa mill-bidu tal-jiem li fihom iffonda l-Ordni. B'danakollu minħabba xi tfixkil u aktar minħabba l-bżonnijiet ta' l-Ordni, din ix-xewqa ma setgħetx titwettaq qabel is-sajf ta' l-1219 meta sa fl-aħħar irnexxielu jasal fil-Lvant. X'aktarx li niżel ħdejn il-belt ta' Akri u minn hemm telaq lejn il-kamp tal-Kroċjati fl-Eġittu, ħdejn Damjetta. U hemm ġrat ħaġa li tolqtok meta ltaqa' mas-Sultan li laqgħu b'għoġba u qima. Wieħed irid jaħseb, li qabel reġa' lura fl-Italja (fejn fis-sajf ta' l-1220 il-ħtiġijiet ta' l-Ordni kienu jitolbu l-preżenza tiegħu), huwa żar għallinqas xi postijiet ta' l-Art Imqaddsa. Kienet id-devozzjoni lejn dawn is-Santwarji li ġagħlitu jitlaq mill-Italja, u jibgħat ukoll qablu xi reliġjużi tiegħu. Fosthom jixraq li nsemmu lill-Beatu Eġidju minn Assisi.

Imma rridu ngħidu li barra minn dawn ir-raġunijiet ta' tjieba, kienet l-imħabba tiegħu għall-erwieħ u l-ħeġġa għas-salvazzjoni tagħhom li ġagħlet lil San Franġisk iżur il-Lvant Nofsani Din kienet ir-raġuni li għażlet il-moviment Franġiskan minn istituti reliġjużi oħra li kienu jeżistu f'dak iż-żmien. Il-karatteristika speċjali tiegħu kienet dik ta' ħeġġa appostolika. Il-qawwa tas-sentiment reliġjuż ta' San Franġisk u l-imħabba tiegħu lejn Kristu kienu miġbura wkoll fix-xewqa tiegħu li jxerred demmu għal Kristu. Dan ma ġarax, għax kif igħidilna San Bonaventura, il-Provvidenza ta' Alla kellha ħsebijiet oħra fuqu, u riedet tagħtih xort'oħra ta' martirju.

Forsi kienet din il-ġibda mistika li ġagħlitu jagħżel lill-popli tal-Lvant Nofsani fost tant popli oħra li ma jemmnux bħala l-qasam fejn seta' bla ħafna tbatija jieħu l-martirju — skond il-ħsieb imxerred ta' żmien il-Kruċjati u kif ġrajjiet li ġraw wara jġagħluna nifhmu. Din il-missjoni ta' paċi ta' San Franġisk fost dawk li ma kinux jemmnu, u li l-Punent ried iwettaq bi gwerra, ħolqot rivoluzzjoni — konna biex kważi nsejħulha sfida — fl-istess Knisja. Kienet għamla ta' tama qawwija fil-qawwa supernaturali ta' rebħ li hija mnissla fid-dinja Nisranija, fil-ħajja Nisranija u fix-xhieda Nisranija, aktar milli f'xort'oħra ta' qawwa militari.

Il-frott ta' din il-ħidma appostolika u tar-raġunijiet li ġagħlu lil San Franġisk imur iżur il-Lvant Nofsan, deher f'forma ta' wirt tassew prezzjuż

u għaqli li huwa ħalla lill-Ordni tiegħu: il-qagħda qadima ta' l-Ordni fl-Art Imqaddsa. Sa mill-bidunett hija libset karattru doppju, ta' xhieda tal-Vanġelu u ta' dmirijiet spiritwali.

Ukoll qabel ma għamel il-vjaġġ tiegħu fil-Lvant, San Franġisk tnebbaħ li jxettel Provinċja f'dawk il-postijiet, billi bagħat lil Fra Elija bħala Ministru. U sa mill-bidu din il-Provinċja kellha don speċjali dak li tiġi meqjusa bħala Provinċja Missjunarja, imqiegħda f'post imgħammar minn ftit Insara u Kattoliċi (il-kolonji Kruċjati), li kellu għaqda diretta mad-dinja tal-Mislem u ma' l-aħwa mifruda tal-knejjes differenti tal-Lvant. Il-Missjoni kellha żżomm dan il-karattru matul is-seklu tlettax sa dak iż-żmien li l-ħakma tal-Għarab ċekknet il-ħakma Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa u ħalliet grupp ċkejken f'Cipru.

Bejn is-snin 1230 u 1243, il-Franġiskani kienu akkwistaw ħafna mis-Santwarji Mqaddsa. B'hekk żdied għan ġdid ma' dawk li diġa kienu jeżistu — għan li ma temmx dak li kien hemm — fl-ewwel seklu tal-ħidma Franġiskana fil-Lvant, jiġifieri li jħarsu s-Santwarji tal-Fidwa tagħna. Il-Franġiskani issa riedu jgħinu lill-pellegrini biex jaslu jżuru s-Santwarji u fl-istess ħin iħaddmu b'funzjonijiet qaddisa dawn il-postijiet li għandhom dawn it-tifkiriet. Mela max-xogħol missjunarju u appostoliku, li huwa l-għan ta' l-Ordni, jingħaqdet il-qima tas-Santwarji u l-għajnuna tal-pellegrini. Bil-mod il-mod, mal-mogħdija taż-żmien, inħoloq karattru ġdid sakemm ta ħajja lil din il-ħidma ta' l-Ordni. Ġiet imsejħa "Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa".

Mihiex fehma tagħna li niktbu fittul fuq l-istorja ta' din il-Provincja: il-ħidma tagħha, ix-xogħol u s-sagrifiċċji li ġarrbet matul is-sekli. Imma ma jkunx żmien mitluf li nitkellmu minn dak li sar f'Nazzaret. Il-konsagrazzjoni tal-Bażilika l-ġdida ġġagħalna nitħadtu fuq din il-ġrajja ta' żminijietna.

(*Jissokta*)

***Lill-Kollaboraturi, liz-Zelatriċi,***

***Lill-Ħbieb ta' LEĦEN L-ART IMQADDSA***

***Tkun din is-Sena l-Ġdida mimlija***

***b'kull Ġid u Riżq***